MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 729/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Isaura Magri (K.I. 472988M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ hames mija erbgha u erbghin ewro u disgha u sittin centezmu (€544.69) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici skont *Contract Number* 430472 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-Att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2011 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------